MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 665/2005

Roderick **FENECH**

vs

Anna Maria **PAĊE** f'isimha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* ta' bintha minuri Michaela; Philip Paċe u Nicholas Paċe

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-14 ta' Lulju, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin unilateralment temmew qabel waqtu u mingħajr raġuni tajba l-ftehim ta' kirja li huwa kien igawdi dwar il-kjosk bl-isem ta' *Fond Għadir Kiosk* ; u (b) tikkundanna lill-imħarrkin iroddulu lura s-somma ta'

sbatax-il elf u erba' mitt lira Maltin (Lm 17,400)[1] li huwa ħallas bħala 'rigal' fl-okkażjoni tal-għoti b'kirja lilu tal-imsemmi kjosk. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Lulju, 2005, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fil-5 ta' Jannar, 2006, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu, b'mod preliminari, li ċ-ċitazzjoni ma tiswiex għaliex id-dikjarazzjoni mehmuża magħha m'hijiex maħlufa. Fil-mertu, qalu li billi l-ħlas ta' rigali f'kirjiet jikkostitwixxi ħlas indebitu, l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili. Laqgħu ukoll billi qalu li kirja għal żmien ta' iżjed minn sentejn ma tistax issir bil-fomm biss (art. 1233(1)(e) tal-Kodiċi Ċivili) u li kerrej m'għandux jedd jitlob lura l-ħlas ta' kera mħallas għas-sempliċi raġuni li jkun ġarrab ħsara (art. 1585 tal-Kodiċi Ċivili). Huma jiċħdu li tassew sar xi ftehim ta' kirja bejn l-awtur tagħhom (jiġifieri Philip Paċe) u l-attur, għas-sempliċi raġuni li taħt it-titolu li huma għandhom mingħand il-Kummissarju tal-Artijiet ftehim bħal dak ma jistax isir bla ma jipperikolaw li jitilfu l-jeddijiet tagħhom fuq il-kjosk. Ladarba huma kienu b'bona fidi, ma jistgħux jintalbu jroddu lura dak li seta' ngħata lill-awtur tagħhom (art. 554 tal-Kodiċi Ċivili). Fuq kollox, huma jiċħdu dak li jitlob l-attur fil-kawża tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Marzu, 2006, li bih qiegħdet il-kawża fuq il-lista tal-kawżi ta' qabel is-seduta (*pretrial*) u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor ix-xhieda tal-partijiet;

Rat il-verbali tas-seduti u x-xhieda mogħtija waqt l-istess seduti quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-24 ta' Lulju, 2008[2];

[1] Li jġibu € 40,531.10 fi flus tal-lum
[2] Paġġ. 245 – 8 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-30 ta' Settembru, 2008[3], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2008, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għar-radd lura ta' somma mħallsa bħala 'rigal' fi ftehim ta' tmexxija ta' kjosk. L-attur jgħid li, bi ftehim li kien sar bejnu u bejn Philip Paċe fil-bidu tal-2001, huwa kien daħal biex imexxi kjosk bi sħab ma' Paċe u f'dik l-okkażjoni kien ħareġ somma flus. Iżda ftit tax-xhur wara, dak il-ftehim tħassar u Paċe krielu naħa mill-kjosk għal ħames snin. Iżda wara li Paċe miet fl-2002, l-imħarrkin temmew il-kirja u ħadu t-tmexxija tal-kjosk f'idejhom. Huwa qiegħed jitlob li jroddulu lura s-somma li kien ħallas lil Paċe għaliex jgħid li l-imħarrkin ma kellhom l-ebda raġuni tajba biex itemmu qabel waqtha l-kirja;

Illi l-imħarrkin laqgħu b'bosta eċċezzjonijiet. Fl-ewwel lok, u b'mod preliminari, qalu li ċ-Ċitazzjoni ma tiswiex għaliex l-attur ma ħalifx id-Dikjarazzjoni mehmuża mal-Att taċ-Ċitazzjoni. L-imħarrkin irtiraw din l-eċċezzjoni tagħhom fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-għeluq tagħhom[4];

Illi, fil-mertu, huma jqanqlu l-kwestjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 1027 tal-Kap 16. Jgħidu wkoll li l-kirja ma kinitx tgħodd għaliex, ladarba kienet għal żmien ta' aktar minn sentejn, ma setgħetx issir bil-fomm. Żiedu jgħidu wkoll li s-somma mitluba ma tistax tintalab lura għaliex dak li jħallas il-kerrej bħala kera ma jistax jintalab lura u, f'kull każ, billi huma kienu f'bona fidi, ma jingħatax li t-terz jista' jirkupra mingħandhom dak li għadda f'idejhom minn ħaddieħor. Fil-qofol, qalu la ma jistax ikun li tassew kien hemm ftehim ta' kirja ma' Paċe, għaliex it-titolu li kellu l-istess Paċe – u

[3] Paġġ. 249 sa 252 tal-proċess
[4] Par. 2.1 f'paġ. 249 tal-proċess

li issa għadda f'idejhom – kien iżommu milli jwelli jew jissulloka l-kjosk lil ħaddieħor kontra r-rieda tas-sid (il-Kummissarju tal-Artijiet);

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li f'Marzu tal-1974 Philip Paċe (żewġ l-imħarrka u missier l-imħarrkin l-oħrajn) ingħata għarfien bħala inkwilin mid-Dipartiment tal-Artijiet dwar gabbana li tinsab f'Fond Għadir, Sliema[5]. Din il-gabbana kienet oriġinarjament inkriet mid-Dipartiment lil wieħed Joseph Gauċi fl-1956. Wara li miet Gauċi u mietet ukoll l-armla tiegħu, f'Marzu tal-1974, il-kirja għaddiet fuq isem Paċe, u kien iħallas mija u tmienja u tmenin lira (Lm 188)[6] kera kull sena lid-Dipartiment tal-Artijiet[7]. Minbarra dan, kien iħallas lill-istess Dipartiment somma oħra ta' mija u għoxrin lira (Lm 120) kull sena biex iżomm sitt (6) imwejjed madwar il-gabbana minn fejn in-nies li jixtru prodotti mill-istess gabbana jkunu jistgħu jikkunsmaw l-ikel fuq il-post[8];

Illi għall-bidu ta' l-2002, Paċe għamel xogħlijiet ta' titjib u tiġdid tal-gabbana, wara li, fix-xhur ta' qabel, kien talab lill-attur jitħajjar jaħdem fiha. Matul dak iż-żmien ukoll, kienu qegħdin isiru xogħlijiet ta' tisbiħ tal-inħawi min-naħa tal-Gvern. F'dawk iż-żminijiet, l-attur kien ħareġ xi flus u għaddihom lil Paċe, fuq talba tal-istess Paċe[9]. F'Ġunju tal-2002, l-attur beda jaħdem fil-kjosk flimkien ma' Paċe[10] u kien ġab xi tagħmir u attrezzi biex jippreżenta u jżomm il-prodotti tiegħu fihom[11]. L-attur kien jibgħat impjegat tiegħu[12]. L-attur huwa azzjonist u direttur ta' kumpannija bl-isem ta' *Ice Cream Delight Limited* li tipproduċi l-ġelati bis-sedi soċjali tagħha f'San Ġwann: mill-kjosk kien imexxi l-prodotti li joħorġu mill-imsemmija kumpannija tiegħu. Minbarra li hu kien iforni b'ġelati lill-gabbana mikrija lil Paċe, l-attur kellu wkoll żewġ stabilimenti oħra mnejn ibiegħ il-ġelati tiegħu – wieħed fil-kumpless ta'

[5] Xhieda ta' Albert Mamo 24.10.2006, f'paġ. 61 tal-proċess
[6] Li jġibu € 218.96 fi flus tal-lum
[7] Dokti "K" sa "K3", f'paġġ. 231 – 4 tal-proċess
[8] Dok "K4", f'paġ. 235 tal-proċess
[9] Dok "RF1", f'paġ. 23 tal-proċess
[10] Affidavit tal-attur 20.2.2006, f'paġ. 19 tal-proċess
[11] Xhieda tal-attur fil-kontro-eżami 30.3.2007, f'paġ. 119 tal-proċess
[12] Xhieda ta' Mario Sammut 22.11.2006 f'paġ. 85 tal-proċess

*Baystreet* (li, madankollu, ma damx ma neħħa minħabba li ma laħħaqx mal-kera) u l-ieħor max-Xatt f'Tas-Sliema;

Illi fil-kjosk kienet tmexxi oħt Philip Paċe, Maris, għalkemm il-permessi baqgħu jgħajtu lil Philip Paċe[13]. Fis-sajf tal-2002, Philip Paċe marad u miet f'Awwissu ta' dik l-istess sena. Martu u wliedu, flimkien mal-imsemmija Maris Paċe, ħadu f'idejhom it-tmexxija tal-kjosk[14]. Maris Paċe mietet fil-mori tal-kawża, f'Diċembru tal-2006[15]. Ir-relazzjonijiet bejn il-familja Paċe u l-attur ħżienu u sa Settembru tal-2003 l-attur kien mgħarraf li ma kinux sejrin jibqgħu jordnaw iżjed ġelati minn tiegħu biex jinbiegħu minn hemmhekk, u ntalab ukoll biex ineħħi mill-kjosk il-bankijiet tal-friża u t-tagħmir li kien ġab meta beda jbigħ il-prodotti tiegħu minn hemm[16]. L-ilmenti li tressqu kontra l-attur kienu l-iżjed minħabba li hu kien naqqas l-attendenza tiegħu mill-gabbana, u għaliex ma kienx qiegħed jforni l-gabbana b'ġelati biżżejjed daqs kemm kienet it-talba min-nies għal dak il-prodott, li minn dak l-istabiliment kien imexxi ħafna[17];

Illi matul ix-xhur tax-xitwa l-imħarrkin baqgħu jisħqu mal-attur li jneħħi t-tagħmir tiegħu mill-gabbana. Hu kien jitlobhom il-ħlas lura ta' dak li kien għadda lil Philip Paċe. L-attur baqa' ma tħallasx, imma lejn nofs l-2004, ġarr ħwejġu minn ġol-kjosk. Il-kawża nfetħet f'Lulju tal-2005;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jikkaratterizzaw din il-kawża jinqasmu fi tnejn: dawk li jirreferu għall-eċċezzjonijiet ta' xejra legali mqanqlin mill-imħarrkin, u l-kwestjoni tal-kredibilta' tax-xhieda mogħtija minn kull parti. Dan ġara għaliex l-attur u Philip Paċe ma laħqux sabu l-waqt xieraq biex dak li setgħu ftiehmu dwaru jniżżluh kif imiss fi ftehim miktub. Minħabba f'hekk ukoll, qabel kull ħaġa oħra jidher li jkun xieraq li wieħed iqis x'għamla ta' arranġament kien jeżisti bejn l-attur u Paċe, għaliex minnu jitnisslu l-effetti li fuqhom tinbena l-azzjoni attriċi;

---

[13] Dokti "K" sa "K4", f'paġġ. 231 – 5 tal-proċess
[14] Affidavit ta' Anna Maria Paċe 14.2.2007, f'paġ. 90 tal-proċess
[15] Affidavit ta' Nicholas Paċe 14.2.2007, f'paġ. 97 tal-proċess
[16] Affidavit ta' Philip Paċe (jr.) 14.2.2007, f'paġġ. 94 -5 tal-proċess
[17] Xhieda ta' Nicholas Paċe fil-kontro-eżami 27.2.2008, f'paġġ. 227 – 8 tal-proċess

Illi dwar **x'kienet ir-rabta ġuridika bejn l-attur u Philip Paċe**, jidher li l-qagħda bejniethom kienet waħda li bidlet is-sura tagħha matul iż-żmien li l-każ tat-tmexxija tal-kjosk kien qiegħed jiżviluppa. Il-mewt qabel waqtha ta' Paċe ma għenitx biex il-partijiet jilħqu jikkristallizżaw il-fehma ta' bejniethom. Li joħroġ ċar hu li, f'dawk ix-xhur kruċjali qabel ma reġgħet bdiet titħaddem il-gabbana fis-sajf tal-2002, kien hemm aktar minn ħsieb wieħed bejn l-attur u Paċe. Il-ħsieb fil-bidu kien li l-attur jikri (jew jieħu bi twellija) l-kjosk u jmexxih waħdu. Għar-raġunijiet li jsemmi, l-attur qata' qalbu li jġorr dan il-piż waħdu. Minn dan, Paċe fehem li seta' jsir arranġament ieħor, jiġifieri li jmexxu l-kjosk bi sħab flimkien, billi jassenja parti min-negozju u mill-wisgħa tal-kjosk innifsu lill-attur u dan iħallas korrispettiv għal dak l-użu. Sadattant, l-attur kien qiegħed joħroġ flus u n-negozju kien qiegħed jitmexxa bla ma l-partijiet kienu għadhom daħlu fi ftehim miktub dwar x'kellha tkun ir-rabta kummerċjali ta' bejniethom u taħt liema kundizzjonijiet u patti kellha titmexxa din ir-rabta;

Illi l-attur jisħaq li bejnu u bejn Paċe kien hemm rabta ta' lokazzjoni. Huwa jippretendi daqstant fl-ewwel talba tiegħu u f'uħud mill-premessi, għalkemm it-talbiet tiegħu setgħu tressqu fir-rigward ta' kull għamla oħra ta' rabta kuntrattwali li tinkiser qabel il-waqt u li dwarha jkunu nħarġu flejjes. Mhux hekk biss, imma l-attur jgħid li l-ftehim milħuq bejnu u Paċe kien għal kirja ta' ħames (5) snin. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jiċħdu li kien hemm ftehim ta' kirja bejn l-awtur tagħhom, Philip Paċe, u l-attur. Fl-istess waqt, madankollu, huma jressqu eċċezzjonijiet li jimplikaw li tassew seta' kien hemm kirja, iżda ma setgħu qatt jikkonfermaw la 'l hawn u lanqas 'l hinn minħabba li jgħidu li Philip Paċe qatt ma għarrafhom b'xejn. Din l-inċertezza – ukoll frott taċ-ċirkostanza li Paċe u l-attur ma laħqux laħħmu l-arranġament ta' bejniethom fis-sura ta' ftehim miktub – ħabbtet kemm lill-partijiet u kif ukoll lil din il-Qorti fid-determinazzjoni tal-kwestjoni;

Illi wara li qieset sewwa l-fatti li joħorġu mill-atti, l-Qorti hija tal-fehma li ma jistax jingħad li kien hemm relazzjoni ta' kerrej u lokatur bejn l-attur u Paċe. Dan jingħad l-iżjed

għaliex la kien hemm kitba li tixhed ftehim bħal dan[18], u wkoll minħabba l-fatt li waħda mill-kundizzjonijiet li kienet torbot lil Paċe nnifsu kienet li ma setax iwelli jew jissulloka l-kjosk lil terzi mingħajr il-kunsens tas-sid (il-Kummissarju tal-Artijiet). Ma ntwera bl-ebda mod li jikkonvinċi lil din il-Qorti li l-familja Paċe kienet lesta tidħol f'riskju li titkeċċa mill-post li minnu dik l-istess familja jidher li kienet taqla' ħobża tajba, sempliċement biex l-attur ikun jista' jmexxi 'l quddiem il-bejgħ tal-prodotti tiegħu. Fuq kollox, il-mod kif il-partijiet mexxew dak il-kuntatt fattwali bejniethom ma jixhidx rabta mnissla minn kuntratt ta' lokazzjoni jew ta' ċessjoni tal-inkwilinat;

Illi huwa minnu li l-liġi tagħraf li jista' jkun hemm kirja wkoll fejn ma jkunx hemm ftehim espress jew fejn iċ-ċirkostanzi ma jurux bid-dieher x'kienet il-fehma tal-partijiet dwar iż-żmien tagħha[19]: iżda huwa fatt ukoll li mhux kull għamla ta' okkupazzjoni ta' fond bi ħlas għal tali okkupazzjoni titqies tabilfors li tkun tammonta għal kirja. Minbarra dan, il-pretensjoni tal-attur li tassew kien hemm ftehim (bil-fomm u maqbul fil-ħsieb) ta' kirja ta' ħames snin tmieri lilha nnifisha, għaliex bil-liġi allegazzjoni ta' kirja ta' dak iż-żmien bla ma tkun saret kitba biex tixhidha ċirkostanza li l-liġi nnifisha xxejjen mill-ewwel. Minbarra dan, l-attur innifsu xehed li kienet diġa' saritlu offerta biex jikri l-gabbana, imma minħabba l-eta' tiegħu u l-piż qawwi li ħass li ntalab minnu, kien warrab arranġament bħal dak. Fl-aħħar nett, l-attur ma seħħlux juri prova li qatt ingħata riċevuta li tikkonferma l-eżistenza ta' xi kirja favurih;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, jidher li l-arranġament li kien fis-seħħ fis-sajf tal-2002 kien iqarrab dak ta' assoċjazzjoni fejn il-kerrej idaħħal jaħdmu miegħu sieħeb jew istitur biex jgħinu fit-tmexxija tal-post mikri, filwaqt li l-istess kerrej iżomm il-kontroll fuq u r-rabta effettiva mal-istess stabiliment kummerċali. Imma minħabba li l-liġi trid ukoll li assoċjazzjoni b'parteċipazzjoni titwettaq b'dokument miktub[20] (li f'dan il-każ ma jirriżultax), ma jistax jingħad li bejn Paċe u l-attur kien hemm tassew assoċjazzjoni bħal

[18] Art. 1233(1)(e) tal-Kap 16
[19] Art. 1532 tal-Kap 16
[20] Art. 383 tal-Kap 386

din fit-tifsira vera tal-kunċett, imma arranġament li jixbhu bla ma jgħoddu għalih ir-regoli li trid il-liġi[21]. Huwa wkoll mogħti mil-liġi li kerrej imexxi ħanut mikri lilu permezz ta' ħaddieħor jew billi jassoċja miegħu lil ħaddieħor bla ma b'daqshekk biss ikun qiegħed jikser xi divjet jew rabta li jkun daħal għaliha ma' sid il-post li ma jwillix jew iċedix il-kirja mogħtija lilu[22]. Għalhekk, dan kien arranġement li kemm l-attur u kif ukoll l-inkwilin Paċe setgħu (u x'aktarx qablu li riedu) jidħlu fih b'vantaġġ għat-tnejn u bla biżgħa ta' xi riperkussjoni f'kull wieħed minnhom, għall-anqas sakemm jiftehmu mod ieħor f'xi kitba li setgħet saret bejniethom aktar tard;

Illi għalhekk, ladarba l-kirja ma kinitx ir-relazzjoni kuntrattwali bejn l-attur u Paċe, l-Qorti m'għandhiex għalfejn tqis dawk l-eċċezzjonijiet li jippresumu l-eżistenza ta' kirja. Sejra twarrab ukoll dawk is-sottomissjonijiet tal-attur li jippresumu li kien hemm xi kirja ta' parti mill-kjosk, u dan għall-istess raġunijiet li jgħoddu għal uħud mill-eċċezzjonijiet imressqin kontrih mill-imħarrkin. B'daqshekk, kif ingħad aktar qabel, ma jfissirx li l-azzjoni attriċi għandha titwarrab għal kollox, għaliex is-sisien tagħha – ukoll kif formulata – ma jintrabtux esklussivament mal-eżistenza ta' kuntratt ta' lokazzjoni;

Illi kemm hu hekk, issa li saret din il-kjarifika, għandu jingħad ukoll li l-azzjoni attriċi tinbena l-aktar fuq il-kawżali tar-radd lura ta' flus miżmuma bla mistħoqq għal waħda minn żewġ raġunijiet: jew għaliex ma seħħx dak li kien twiegħed meta ntalbu l-istess flus jew għaliex l-imħarrkin marru lura minn kelmthom u naqsu li jwettqu dak li kien intrabat bih l-awtur tagħhom;

Illi **dwar l-eċċezzjonijiet** imressqa, l-Qorti trid tqis qabel kollox l-ewwel waħda, jiġifieri **l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni**. Dan hu xieraq li jsir mhux biss għaliex il-liġi nnifisha[23] tgħid li eċċezzjoni bħal din trid tingħata

[21] Artt. 376 sa 382 tal-Kap 386

[22] App. Ċiv. **29.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli et vs Cordina*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.729**); u App. Inf. **10.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Sant Fournier vs Beżżina Wettinger*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.ii.56**)

[23] Art. 730 tal-Kap 12

dwarha sentenza b'kap għaliha, imma għaliex is-siwi tagħha jaf jolqot b'mod radikali l-azzjoni attriċi;

Illi l-imħarrkin, minħabba li jagħrfu li l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-kawżali tal-ħlas indebitu, jgħidu li l-azzjoni attriċi waqgħet billi għadda ż-żmien ta' sentejn minn meta dak li l-attur jgħid li ħallas messu ntalab lura. L-imħarrkin isejsu din l-eċċezzjoni fuq dak li jopprovdi l-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili. Huma jgħidu li mill-provi mressqa mill-attur innifsu (jiġifieri li kien għamel xi ħlasijiet lil Philip Paċe, bl-aħħar wieħed isir fil-11 ta' Ġunju, 2002), l-attur messu fetaħ il-kawża mhux aktar tard minn Ġunju tal-2004. Min-naħa tiegħu, l-attur jgħid li l-azzjoni tiegħu saret f'waqtha, għaliex iż-żmien imsemmi fl-artikolu 1027 jibda jgħaddi minn dak inhar li lil min tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball tal-ħlas, u mhux minn dak inhar tal-ħlas indebitu;

Illi l-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa għaliex ma tgħoddx għall-każ. Minn dak li ssemma iżjed 'il fuq, din il-Qorti temmen li l-azzjoni attriċi m'hijiex imsejsa fuq il-kważi-kuntratt tal-indebitu, għaliex meta l-attur għadda l-flus lil Philip Paċe, ma kienx għaddihom bi żball, imma bil-ħsieb speċifiku li dawk il-flus kellhom iservu bħala l-korrispettiv min-naħa tiegħu (huwa jsejjaħlu "ir-rigal") għall-arranġament milħuq bejniethom għat-tmexxija tal-kjosk[24]. Tant hu hekk, li bis-saħħa ta' dak l-arranġament, l-attur kien fil-fatt beda jaħdem mill-kjosk. Jekk ma hemmx żball (ta' fatt), ma jistax ikun hemm l-azzjoni tal-indebitu[25];

Illi l-azzjoni attriċi lanqas ma hija azzjoni rexissorja, għaliex, għall-kuntrarju, huwa jixli lill-imħarrkin li kienu huma li, bla raġuni tajba u kontra xewqatu, temmew "qabel waqtha" l-"kirja" li huwa kellu fil-kjosk. Kif donnu jaċċenna l-attur f'għeluq in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu[26], it-talbiet tiegħu huma mibnija fuq il-kważi-kuntratt l-ieħor li jipprovdi li m'huwiex xieraq li xiħadd jistagħna bi ħsara ta' ħaddieħor (jiġifieri l-azzjoni sussidjarja *de in rem verso*), li llum il-ġurnata huwa espressament imħares mil-

---

[24] App. Ċiv. **1.2.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Sultana vs Scicluna*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.44**)
[25] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi et noe vs Ċiantar noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.791**)
[26] Ara par. 13 f'paġ. 248 tal-proċess

liġi fl-artikoli 1028A u 1028B tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti tifhem li din hija sewwasew in-natura tal-azzjoni mressqa mill-attur;

Illi għal azzjoni bħal dik ma jgħoddx iż-żmien ta' sentejn imsemmi mill-imħarrkin imma żmien itwal[27]. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għalhekk, m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi dwar l-eċċezzjonijiet l-oħrajn (it-tieni, t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet) marbutin mal-eżistenza ta' kirja din il-Qorti, kif qalet aktar qabel, m'għandhiex għalfejn tqishom, ladarba hija sabet li ma kienx hemm arranġament ta' kirja kif mifhuma mil-liġi bejn l-attur u Philip Paċe;

Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet. Dan sejjer isir hi u tqis it-talbiet tal-attur fil-mertu;

Illi **dwar liema verżjoni għandha titwemmen l-aktar** jidher li, ladarba ħareġ nuqqas ta' qbil radikali dwar bosta mill-ħwejjeġ ewlenin tal-ġrajja, l-Qorti trid tifli sewwa x-xhieda mogħtija mill-partijiet u x-xhud tagħhom biex issib il-ħjiel li fuqu tista' tqis is-siwi tat-talbiet attriċi u tal-kontestazzjoni tal-imħarrkin għal dawk it-talbiet. Dan trid tagħmlu billi tqis li filwaqt li, f'każ ta' konflitt qawwi bejn il-verżjonijiet rispettivi tal-partijiet fil-kawża, tali fattur m'għandux iwassalha biex iżżomm lura milli tiddeċidi l-każ, fl-istess waqt trid iżżomm mar-regola li min jallega xi ħaġa jrid jipprovaha kif imiss;

Illi mill-**verżjoni mressqa mill-attur** jirriżulta li huwa jgħid li l-ewwel darba li ltaqa' ma' Philip Paċe l-ħsieb tiegħu kien li jibda jfornih bil-ġelati li tagħmel il-kumpannija tiegħu. Kien Paċe li webblu l-ewwel darba bl-offerta tal-kirja tal-kjosk u bil-pjanijiet li kienu maħsuba għat-twaqqigħ tagħha u l-bini ta' waħda iġded u iżjed moderna. Kien f'dan il-qafas ukoll li l-attur jgħid li beda jintalab minn Paċe biex jagħmel ħlasijiet akkont. Dan kollu sar bla ma kien għadu ntlaħaq qbil definittiv dwar kif kienu sejrin jintrabtu bejniethom. Mill-provi mressqa, joħroġ li l-attur tassew

[27] App. Ċiv. **16.5.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Borġ vs Peter A. Morrisey*** (mhix pubblikata)

għadda xi ħlasijiet lil Paċe[28], u kif ukoll li tassew beda jforni l-ġelati tiegħu lill-kjosk sa minn Ġunju tal-2002. Mill-provi[29], ntwera li f'dak iż-żmien, saru ħlasijiet dwar fornituri mitluba mill-kjosk immexxi minn Paċe, liema ħlasijiet saru b'*cheques* maħruġa mill-attur. Jirriżulta wkoll li hu daħħal xi tagħmir għall-bejgħ tal-ġelati mill-istess kjosk u għal xi żmien kien jibgħat impjegati tiegħu biex imexxu dik it-taqsima tan-negozju. Mill-atti ħareġ ukoll li sa Settembru tal-2002 (jiġifieri wara l-mewt ta' Philip Paċe), l-attur kien żied xi tagħmir ieħor u li l-arranġament kien baqa' jseħħ sas-sajf tas-sena ta' wara. Daqstant ieħor jirriżulta li l-attur ħareġ mill-kjosk għaliex imġiegħel mill-imħarrkin u mhux minn rajh, għall-ħabta ta' Mejju tal-2004. Sa minn xi xhur qabel dak iż-żmien, beda jippretendi r-radd lura tar-"rigal";

Illi **mill-verżjoni tal-imħarrkin** joħroġ li Philip Paċe kien il-kerrej magħruf tal-kjosk u li fih għamel titjib sħiħ xi ftit taż-żmien qabel is-sajf tal-2002. Sa minn meta ħa l-gabbana f'idejh, Paċe kien mgħejjun minn membri tal-familja tiegħu. Wara l-mewt tiegħu, il-post tmexxa minn martu u wliedu, ukoll għaliex oħtu Maris wara xi żmien ma baqgħetx tattendi aktar. Huma jikkonfermaw ukoll li r-relazzjonijiet mal-attur ħżienu fis-sajf tal-2003, meta bdew jaraw li l-attur kien naqas milli jforni l-gabbana b'ġelati biżżejjed biex ilaħħqu mat-talba tal-kljienti tagħhom. Dan wassalhom biex iqisu li huwa kien qiegħed jagħti iżjed importanza u attenzjoni lill-istabiliment l-ieħor li kellu f'banda oħra f'Tas-Sliema. Ma setgħu jgħidu xejn dwar l-arranġamenti milħuqa bejn l-awtur tagħhom u l-attur għaliex jgħidu li l-awtur tagħhom qatt m'għarrafhom b'xejn. Imma jaċċettaw il-fatt li l-attur kien ħareġ xi flus favur Philip Paċe ("*xi ħaġa viċin l-elf*")[30], u kif ukoll il-fatt li l-attur kien jaħdem magħhom bħala soċju[31]

Illi meta l-Qorti tqabbel dawn iż-żewġ verżjonijiet, issib li tista' toqgħod aktar fuq dik imressqa mill-attur, milli l-

[28] Affidavit tal-attur f'paġġ. 17 – 8 tal-proċess; u xhieda ta' Charlene Merċieca f'paġ. 38 tal-proċess
[29] Xhieda ta' Roseanne Micallef 10.10.2006, u dokti "RM1" u "RM2" f'paġġ. 46 – 7 u 53 – 6 tal-proċess
[30] Xhieda ta' Philip Paċe (jr) 6.2.2008, f'paġ. 167 tal-proċess
[31] Xhieda ta' Nicholas Paċe 27.2.2008, f'paġ. 221 tal-proċess

verżjoni x'aktarx ta' ċaħda mressqa mill-imħarrkin. Dan jingħad għaliex, fost l-oħrajn, il-verżjoni tal-imħarrkin, kieku kellha titwemmen, ma tagħti l-ebda tifsira għal xi fatti li seħħew taħt għajnejhom stess fl-aħħar xhur wara l-mewt ta' Philip Paċe. Bla ma terġa' ttenni fit-tul lista sħiħa ta' ċirkostanzi, wieħed jista' jsemmi l-fatt li impjegati tal-kumpannija tal-attur kienu qegħdin jidħlu jaħdmu mill-kjosk, u wkoll l-arranġament li bih it-tagħmir li ma kienx tal-imħarrkin kien qiegħed jintuża biex jinbiegħ il-prodott tal-attur. Daqstant ieħor kien ikun stramb il-fatt li d-dħul kollu minn waħda mill-*cash registers* (għalkemm baqgħet tgħajjat lil Philip Paċe) fin-naħa fejn kien isir il-bejgħ tal-ġelati, kien jinġabar u jinżamm mill-attur[32]. Dawn iċ-ċirkostani kollha ma kienu jagħmlu l-ebda sens li kieku mhux għaliex tassew kien hemm xi arranġament bejn l-attur u Philip Paċe;

Illi, kif ingħad, il-Qorti taħseb li l-azzjoni attriċi hija sewwasew dik sussidjarja mibnija fuq l-*actio de in rem verso*. Din hija azzjoni mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq azzjoni *ex contractu*[33]. Hija msejħa u magħrufa bħala waħda sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu[34] jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir[35]. Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun għalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-debitur tiegħu f'każ, per eżempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-ġurisdizzjoni[36];

Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitativa[37]. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*)[38]. Għalhekk, il-limiti

[32] Xhieda ta' Mario Sammut 22.11.2006, f'paġ. 85 tal-proċess
[33] P.A. **14.12.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Fava et*** (Kollez. Vol: **L.ii.487**)
[34] P.A. **4.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Seychell vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.593**)
[35] P.A. **10.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.787**)
[36] P.A. GV **26.4.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd. vs Stanley Sullivan et***
[37] *Dig. "De Jure Dotium"*, fr.6 *"Quia bono et aequo conveniat aut lucrari aliquem cum damno alterius, aut damnum sentire per alterius lucrum"*
[38] Kumm. **15.9.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mattocks et vs McKeon*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.1018**)

tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ[39]. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni[40], u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata[41];

Illi ingħad ukoll[42] li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qegħda tikseb vantaġġ jew utilita'[43] minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet[44]; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'dik il-ħaġa jew b'dak is-servizz[45];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt, imiss li l-Qorti tqis is-somma li l-attur seħħlu jipprova li għadda lil Philip Paċe. F'dan ir-rigward, kif tajjeb jissottomettu l-imħarrkin fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom[46], il-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha li, sakemm baqa' jidħol fil-kjosk, l-attur ħa mill-frott li dak in-negozju kien jiġġenera. Dan jistqarru huwa nnifsu fix-xhieda tiegħu u għalhekk ma jistax jingħad li dak kollu li ħallas kien bħallikieku mitfugħ f'bir bla qiegħ jew qisu ma ħa l-ebda ġid minnu;

Illi l-attur isemmi somma partikolari bħala dik li jrid li titħallas lura. Imma, kif wera waqt is-smigħ tal-kawża,

---

[39] Pescatore – Ruperto _Codice Civile Annotato_ (7ª Ediz. 1978) § 2041, paġ. 2008
[40] Art. 1012 tal-Kap 16
[41] Art. 1019 tal-Kap 16
[42] Ara, per eżempju, Torrente _Manuale di Diritto Privato_ (9ª Edit., 1975) par 387, paġ. 634
[43] App. Kumm. **5.4.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Żammit Tabona*** (Kollez. Vol: **XLI.i.631**)
[44] Amos & Walton's _Introduction to French Law_ (3rd Edit.), paġ. 197
[45] P.A. **30.11.1955** fil-kawża fl-ismijiet P***arnis vs Vella noe*** (Kollez Vol: **XXXIX.ii.764**)
[46] Par. 7 f'paġ. 252 tal-proċess

ħalla l-bieb miftuħ biex il-Qorti tasal għal-likwidazzjoni ta' ammont ieħor verjuri. Huwa jgħid li lil Philip Paċe għaddielu b'kollox is-somma ta' sbatax-il elf u erba' mitt lira Maltin (Lm 17,400). Jgħid ukoll li l-qbil bejnu u Paċe kien li ħmistax-il elf lira Maltin (Lm 15,000) minn dik is-somma kellha titqies bħala "rigal" li jintradd lura jekk kemm-il darba l-arranġament ta' bejniethom jitwaqqaf qabel jagħlqu l-ħames (5) snin, jiġifieri qabel Lulju tal-2007. Kif intwera, l-arranġament intemm f'Settembru tal-2003, imma l-attur ma ħariġx mill-post qabel l-ewwel nofs tal-2004. Għalhekk ukoll, mix-xhieda tiegħu stess, l-attur ma jistax jitlob li jintraddlu l-ammont kollu li huwa jgħid li għadda lil Paċe, imma l-iżjed li jista' jitlob hija s-somma ta' Lm 15,000[47], għaliex hija dik is-somma li, skond hu, kien maqbul li tintradd lura f'każ li l-ftehim jitwaqqaf qabel jagħlqu l-ħames snin;

Illi l-attur innifsu jixhed[48] li mill-ammont kollu fuq imsemmi, jista' juri bil-miktub li ħareġ dsatax-il elf ħames mija u ħamsa u tletin euro u ħmistax-il ċenteżmi (€ 19,535.15). Il-bilanċ l-ieħor jgħid li joħroġ minn ħlasijiet għal benefiċċju tal-istess Paċe li saru minnu lil ħaddieħor[49] jew li ħallas ħaddieħor f'ismu[50]. F'dan ir-rigward, il-Qorti lesta taċċetta li l-ħlasijiet li saru minn omm l-attur fuq talba tiegħu (ħlasijiet li l-imħarrkin bl-ebda mod ma merew jew ikkontestaw) għandhom ukoll jitqiesu bħala parti mill-flejjes maħruġa mill-attur fuq talba u għall-benefiċċju ta' Philip Paċe. Dawn is-somom ippruvati jammontaw għal elf sitt mija u tletin euro (€ 1630). Pretensjonijiet ta' ħlasijiet oħrajn imsemmija mill-attur ma ġew bl-ebda mod sostanzjati u ma jistgħux jitqiesu bħala pretensjonijiet ippruvati tajjeb biżżejjed biex il-Qorti tista' tilqagħhom;

Illi minn dan kollu l-Qorti ssib li l-ammont likwidat ta' ħlasijiet magħmulin mill-attur għall-benefiċċju ta' Philip Paċe jitla' għal wieħed u għoxrin elf mija u ħamsa u sittin euro u ħmistax-il ċenteżmi (€ 21,165.15);

---

[47] Li jġibu € 34,940 fi flus tal-lum
[48] Affidavit tiegħu u kontro-eżami 25.5.2007 f'paġġ. 19 u 135 – 6 tal-proċess
[49] Xhieda ta' Silvio Żammit 22.11.2006, f'paġġ. 78 – 9 tal-proċess
[50] Xhieda ta' Emanuela Fenech f'paġ. 37 tal-proċess

Illi l-attur jitlob li s-somma kollha msemmija minnu bħala “rigal” għandha tintraddlu lura ladarba ma tħalliex jibqa’ jidħol fil-gabbana saż-żmien kollu li huwa jgħid li kellu jdum il-ftehim. Hawnhekk ukoll, in-nuqqas ta’ ftehim miktub bejnu u Philip Paċe jitlob li jitħaddmu regoli tal-liġi dwar il-bażi li għandha tittieħed biex l-attur jista’ tassew jitlob ir-radd lura ta’ dik is-somma. Wara li qieset sewwa l-qagħda mnissla mill-arranġament li kien hemm bejn l-attur u Paċe, il-Qorti tqis li l-imsemmija somma kienet maħsuba bħala penali kontra l-inadempiment ta’ xi waħda mill-partijiet għal dak il-ftehim (x’aktarx, f’dan il-każ, kienet torbot biss lil Paċe minħabba li hu biss kellu t-titolu għall-kjosk). Ma jidhrilhiex li tista’ titfisser mod ieħor, għaliex l-attur innifsu rabatha max-xilja li l-imħarrkin naqsu li jirrispettaw dak li kien intrabat bih mal-attur l-awtur tagħhom Philip Paċe;

Illi f’dan il-każ, il-Qorti tqis ukoll li miż-żmien kollu li l-attur jgħid li kien miftiehem, huwa nnifsu aċċetta parti minnu u qattgħu jaħdem bi qligħ mill-istess kjosk. Għalhekk, bla dubju ta’ xejn, jirriżulta li kien żmien ta’ siwi għalih ukoll. Fi kliem ieħor, intwera li hemm raġuni tajba għaliex il-Qorti tista’ tnaqqas u ttaffi l-effetti tal-penali miftehma[51]. Billi l-attur baqa’ jżomm ħwejġu fil-kjosk għal madwar sentejn mill-ħamsa miftehma, l-ammont li jixraq li jintraddlu lura għandu jkun ta’ sittin fil-mija (60%) tas-somma hawn fuq likwidata, ekwivalenti għal tliet snin minn ħamsa li hu ma kellux aċċess aktar għall-kjosk[52];

Illi, fl-aħħarnett, **dwar is-sitt eċċezzjoni** mqanqla mill-imħarrkin, il-Qorti tqis biss li huma tħarrku fil-kwalita’ tagħhom ta’ werrieta ta’ Philip Paċe, u bħala tali, f’kawża bħal din tal-lum, il-kwestjoni tal-bona fide jew tan-nuqqas ta’ bona fide ma tidħol xejn, ladarba huma daħlu fiż-żarbun legali tal-awtur tagħhom b’dak il-mod;

Għal dawn ir-raġunjiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[51] Ara l-art 1122 tal-Kap 16

[52] €21,165.15 x 0.6 = € 12,700

**Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni** tas-sentejn għaliex ma tgħoddx għall-każ tal-lum;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** fis-sens biss li ssib li kienu l-imħarrkin li, bla qbil mal-attur, temmew l-arranġament li kien hemm bejn l-attur u l-awtur tagħhom Philip Paċe;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** limitatament għas-somma ta' tnax-il elf u seba' mitt euro (€ 12,700), u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lill-attur l-imsemmija somma flimkien mal-imgħaxijiet legali fuqha b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha safejn inkompatibbli ma' dak dispost aktar qabel; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu wkoll **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------